**Il-VIŻTA PASTORALI – MESSAĠĠ MILL-KAPPILLAN**

**Ix-Xahar ta' Frar għall-Parroċċa ta' Wied il-Għajn hu xahar ta' mportanza kbira. Mons. Arċisqof Patri Pawl Cremona se jqatta' ħmistax magħna biex ikun aktar qrib tagħna bħala il-poplu responsabbli spiritwalment tiegħu. Hu ir-ragħaj spiritwali tagħna afdati f'idejħ bħala is-suċċessur ta' Pietru f-pajjiżna.**

**Mons Arċisqof qed iżomm din il-ħidma tal-Viżti Pastorali fis-70 Parroċċa li hawn f'Malta bħala priorita' pastorali tul l-Episkopat tiegħu. Se jżur personalment l-Għaqdiet Parrokkjali, l-Iskejjel, u Movimenti Kattoliċi kif ukoll jiltaqa' ma' l-Entitajiet ċivili f'Irħula Maltin. Se jkollu ħin ukoll għal min irid ikellmu personalment.**

**Iż-żewġ skopijiet tal-Viżta Pastorali huma:**

1. **L-Arċisqof ikun qalb in-nies.**
2. **L-Arċisqof jevalwa il-ħidma pastorali li tkun qed issir fil-Parroċċa u jorjenta din il-ħidma għal viżjoni futura. L-Arċisqof jasal għal din il-viżjoni wara li jkun qara ir-rapporti li diga saru mid-Delegati tiegħu fuq il-ħidmiet tal-Kummissjonijiet Djakonija, Katiketika, Adoloxxenti u Żgħażagħ, Liturġija, Familja u imbgħad jisma', jiddiskuti u jara' b'għajnejh meta jigi fostna, dak kollu li hu bżonn biex jagħti din il-viżjoni lill-Kappillan flimkien ma' l-operaturi pastorali kollha tal-Parroċċa. Fl-Assemblea Parrokkjali imdawra ma l-Arċisqof, il-Parroċċa tistabbilixxi din il-ħidma, u jintgħażlu tlett prioritajiet biex jibda jinħadem Pjan ta' twettiq.**

**Din il-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna se tibda uffiċjalment nhar is-Sibt, 5 ta' Frar 2011 fil-Quddiesa tas-6.30.pm. u tintemm bl-Assemblea Parrokkjali nhar il-Gimgħa 18 ta' Frar 2011 fis-Sala**

**Sant' Anna fis-7.00.pm.**

**Din il-Viżta Pastorali ta' Mons. Arċisqof tirnexxi daqs kemm kull wieħed u waħda minna nieħdu sehem attiv fil-laqgħat li se jsiru ma' l-Arċisqof.**

**Din il-Viżta tħalli il-frott spiritwali li għandha tħalli daqs kemm kull wieħed u waħda minna nitolbu lill-Ispirtu t' Alla imexxina fil-ħajja tal-Qdusija.**